# TIFKIRIET FIL-75 ANNIVERSARJU

Kif għidt diġa' fis-serata ta' Tifkiriet, li saret fis-Sede, fl-Isla, fis-26 ta' April, quddiem teatru mballat minn Sengleani entużjażmati bil-festi kbar li sejrin isiru fl-okkażjoni tal-75 anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Bambina, u qegħdin isiru diġà, jien fil-jum ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-Istatwa ta' Marija Bambina, fl-4 ta' Settembru, 1921, kelli eżattament sentejn neqsin 23 ġurnata, għax jien twelidt fis-27 ta' Settembru, 1919.

Li naf fuq l-Inkurunazzjoni hu minn dak li sikwit kienet tirrakkontali ommi, u milli qrajt. Mat-tagħrif li tagħtni, ommi mhux darba, żidt ħafna f'dik is-serata, minn Ġolinu Grima, William Hockey, anzjani li għexuhom dawk il-festi kbar, u mir-riċerka li għamel Anġlu Dougall, u mill-Professur C. Muscat.



*Ix-Xatt ta' l-Isla imħejji għall-Inkurunazzjoni fl-1921.*

U kulħadd ħa pjaċir jisma' lill-Imħallef Franco Depasquale jgħidilna kemm baqgħu f'moħħu l-ġrajjiet storiċi minn dak li kien igħidlu l-papà tiegħu, u zijuh, is-Sur Neriku Depasquale, kollha Sengleani. Is-Sur Depasquale kien għalliem tiegħi, fl-

Iskola ta' l-Isla, u mhux darba u tnejn kien fil-klassi jaqbadha fuq l-Inkurunazzjoni, u billi fil-qrib, kien qed isir il-bini ta' skola ġdida fuq l-istoriku Sur ta' San Mikiel, li kellu tant parti kbira fl-Assedju tat-Torok u l-Istorja ta' l-Isla, min jaf kif konna nibqgħu ħalqna miftuħ bit-tagħrif kollu ġdid, li kien jagħtina dwar l-Isla.

Fis-serata smajna kif it-Triq Irjala (Strada Vittoria dak iż-żmien) kienet ġiet magħmula kannizzata waħda ta' ħaxix u lampi (ħuġġieġa waħda kienet tgħidli ommi), bil-murtali ta' bin-nhar, li minnhom kienu joħorġu figuri ta' nies, papri eċċ. tal-karti maħdumin b'ċertu mod li jtiru fl-ajru, u li kien li kienu nġiebu mill-Ġermanja. Kif mill-Isla għall-Birgu kont tista' tmur billi tgħaddi minn fuq id-dgħajjes u opri oħra tal-baħar, daqs kemm kien hemm, u kienu waħda ma' l-oħra.

Smajna kif, l-Arċisqof Mawro Caruana, flimkien ma' l-Isqfijiet Camilleri u Portelli, kif poġġa l-kuruna fuq ras l-Istatwa, kien għannaqha u biesha, fost l-applawsi, daqq ta' qniepen u sparar. Kif in-nies ta' l-Isla kienu taw id-deheb, ġiżirani, ċrieket, ċappetti biex jiddewbu u saru l-kuruna, dik il-kuruna, li nannietna u missirijietna kellhom ix-xorti, li jkunu huma li għall-ewwel darba, lissnu l-famużi kelmiet tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm fuq mużika tant ispirata ta' Ġiuseppe Caruana

Issa ntemmet, ix-xewqa ta' qalbna
Bil-kuruna, fuq rasek rajnik.

U kif mort id-dar, dak inhar, bdew għaddejjin qishom *film*, it-tifkiriet tiegħi, ta' kemm għaddew festi minn fuqi: dak id-dħul, serju, qaddis ta' l-istatwa, dawk is-Sengleani jkantaw l-innijiet Marjani quddiemha, devoti, entużjażmati. Il-Madonna, li nkantawlha fin-Novena

*Minna dejjem onorata*
*taħt it-titlu tal-Vitorja*
*minna dejjem venerata.*

Dawk il-marċi *à la Veneziana*, dak l-entużjażmu meta nisimgħu l-antifona, ta' Karlu Diacono, dawk l-għajtiet ta' Ġanni l-Maċikk, "*Statwa storika/knisja monumentali/Bażilika ndipendenti/santwarju singolari*, u nkunu lesti ħalli nfaqqgħu jdejna, u ngħajtu "VIVA S-SENGLEANI"!



***L-Istatwa ta' Malta Rebbieħa armata fi Triq il-Vitorja fis-sena 1921.***

Bdejt inġib quddiem għajnejja lil Ġanni l-landier, hemm fuq il-bejt tal-knisja ta' San Filippu, jara kif jagħmel biex minn sena għall-oħra dejjem jagħmel iżjed nar. U naħseb li l-*climax* tiegħu kien meta mal-kampnar kien għamel replika tal-Forti San Mikiel, bil-kanuni jispara u b'final il-*Candele Romane*. Tiftakruh, anzjani?

Niftakar lil Pawlu Tonna, tas-Siġġiewi, li dak iż-żmien kien jaħdem in-nar kollu ta' l-Isla, li wara l-logħob tan-nar tax-Xatt, kien jorqod fil-kunvent ta' San Filippu, għax ma kienx hawn il-kumdità ta' llum, li jżarmaw kollox u jitilqu bit-trakkijiet - kollox bil-karrettuni biż-żiemel kienu, u jżarmaw kollox l-għada tal-festa.

Bdejt niftakar f'dik il-musketterija tal-ħruġ tal-vara, bil-koppla tal-Kandlora mdawra bil-musketterija, u l-vara kienet tkun waslet ix-Xatt u l-musketterija għadha sejra.

Niftakar meta għal xi raġuni (forsi politika?) kien hemm kwistjoni mal-baned u għall-festa ma nġibux baned. U nies ġew iżjed mis-soltu fil-festa - forsi għall-kurżità?

Ftakart meta darba, fis-6 ta' Settembru, meta tittella' l-istatwa ta' "Malta" (dak iż-żmien konna nsibu dak il-jum bħala *In-Nazzjonali*) meta l-istatwa tal-Malta kienet waslet taħt l-Ark li kien jintrama ħdejn Triq San Pietru u San Pawl, intfew id-dwal kollha ta' Strada Vittoria, u nxtiegħlu gassijiet ħomor fuq naħa u bojod fuq l-oħra, b'effett tassew sabiħ.

Niftakar meta fl-1935, mal-miġja tal-Kardinal Lepicier, kienu saru bosta riformi fil-knisja f'Malta. Li ftakart kienu t-tneħħija tas-Sinfonija, li kienet tindaqq qabel il-quddiesa kantata tal-festa, li bosta kienu jiggustawha, iżda nammettu li kienet ftit profana.

U t-tneħħija tal-ħruq ta' nar minn fuq il-knejjes, li għal Ġolinu, Karmenu Tabone, Peppi Mejlaq u Toni Gonzi, il-*gunners* tal-festa, kienet daqqa ta' ħarta. In-nar allura, beda jinħaraq fuq il-bejt tal-iScouts, fil-bidu ta' Triq ir-Rebħa, fejn kienet tittella' l-istatwa tal-Ġuditta.

U darba kien tar xi nar għat-Tarzna Navali, u kienet inħarqet xi tinda, iżda għalkemm kien sar xi rapport, bil-ħbieb kollox tirranġa, u spiċċa kollox b'wiċċ il-ġid.

Bdejt niftakar fil-barkun, li kien jinġieb għall-festa bejn l-Isla u l-Birgu, biex jinħarqu l-murtali. U meta darba minnhom tela' murtal u ma ħax, dan niżel fuq mejda tal-qubbajd fix-Xatt. Il-bejjiegħ għamel plejtu kbir u l-murtali ntbagħtu jinħarqu minn Sant'Anġlu. Kważi b'effett aħjar! U kemm ikkargajna u ħraqna maskli fuq il-Knisja!

Oh, kemm tifkiriet bdew għaddejja minn quddiemi, iżda jekk inkompli, inkun irrid programm tal-festa sħiħ. U hawn inħallikom billi nixtieq lil kulħadd il-festa - anzi l-festi - tajba, u nħeġġeġ biex kulħadd ikompli jgawdi l-festi, kemm ta' ġewwa u kemm ta' barra, bħas-soltu tagħna, bil-kwiet, għaqda u entużjażmu.

Minn qalbi, ħbieb.

*Charles Clews*